Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru. 8/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Christopher Bartolo

Illum 27 ta' April 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat Christopher Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 390981(M) akkuzat talli:

Nhar il-31 ta' Mejju, 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Pproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu droga ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artimolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga intabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinietx ghall uzu esklussiv taghhom.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess teighu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjoniujiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta li saret definittiva u ghaldaqstant ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghanhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Ottubru 2013 fejn l-akkuzat Christopher Bartolo ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni. Fil-fatt huwa rega tenna l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-08 ta' Lulju 2014 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Semghet il-provi imressqa mid-difiza u il-*pre-sentencing report* imhejji fuq talba tad-difiza u dan ai fini tal-piena li ghandha tigi inflitta.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Ottubru 2013, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, kif ukoll fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 tiddikjara lil Christopher Bartolo hati talli:

Nhar il-31 ta' Mejju, 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Pproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu droga ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artimolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga intabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinietx ghall uzu esklussiv taghhom.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess teighu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjoniujiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta li saret definittiva u ghaldaqstant ma tistax tinbidel.

Ikkunsidrat,

Illi il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija fasslu il-linji gwida li il-Qorti ghandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Issa din il-Qorti sejra tqies l-ammissjoni irregistrata mill-hati bhala wahda bikrija billi huwa ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu erba' xhur biss wara illi huwa tressaq b'arrest quddiem il-qorti. Issa in kwantu ghal piena li ghandha tigi inflitta ghar-reati addebitati lil hati hemm nuqqas ta' qbil bejn il-prosekuzzjoni u id-difiza fir-rigward tas-segwenti fatti:

1. L-ammont ta' droga involuta - bl-Avukat Generali jikkontendi li ghalkemm fil-pussess tal-hati instab biss l-ammont ta' 167.52 grammi ta' raza tal-cannabis, madanakollu fl-istqarrija rialxxjata minnu lil pulizija u sussegwentement ikkonfermata bil-gurament quddiem l-Inkwirenti huwa ammetta li kien ittraffika madwar kilo u nofs cannabis. Id-difiza minn naha taghha tikkontendi illi ma hemmx prova li kien hemm traffikar f'din il-kwantita ta' droga.

2. Illi anke jekk dan kellu jirrizulta, fl-aghar ipotesi, id-difiza tikkontendi illi ma hemmx prova illi dan l-allegat traffikar sehh fil-perijodu indikat fl-akkuza u cioe' fil-31 ta' Mejju 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data.

3. Illi l-Avukat Generali ghalkemm jaqbel illi l-hati assista lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet u wassalhom ghal persuni li ipprovdewlu id-droga, madanakollu jishaq illi l-artikolu 29 ghandu japplika bi grad wiehed biss. Id-difiza minn naha taghha tqies illi l-assistenza li ipprovda l-hati jisthoqqilha applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi fil-massimu taghha biex b'hekk il-piena ghandha tonqos b'zewg gradi.

Illi minn naha l-ohra hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti ghandha tqis dak li johrog mill-Pre-sentencing report imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard u r-rakkomandazzjoni hemmhekk indikata fejn gie senjalat illi l-hati ghandu bzonn kura medika kontinwa minhabba li ghandu problemi fil-kliewi, illi ghandu hajja stabbli u familja fejn allura l-piena karcerarja ghandha tkun wahda kemm jista' jkun li tqarreb lejn il-minimu.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel u qabel kollox hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandu jigi mistharreg dawk il-fatti inkriminatorji li jirrizultaw li sehhew fil-perijodu indikat fl-akkuza, u dan fid-dawl tad-difiza imqanqla mill-hati illi ma hemmx prova illi l-kwantita ta' droga indikata mill-prosekuzzjoni giet ittraffikata f'dak il-perijodu. Illi huwa fatt inkontestat illi meta saret it-tfittxija mill-pulizija u cioe' fil-31 ta' Mejju 2013 fir-residenza tal-hati gewwa Ghawdex, instabu b'kollox 167.52grammi raza tal-cannabis ta' purita ta' 8%[1]. Minn ammissjoni maghmula mill-hati fl-istqarrija tieghu jirrizulta illi din id-droga kienet tifforma parti minn blokka raza tal-kannabis tal-piz ta' 250gramma.

Issa mill-istqarrija guramentata rilaxxjata quddiem il-Magistrat Josette Demicoli jirrizulta illi l-hati kien ilu jixtri il-cannabis ghal skopijiet ta' traffikar ghas-sitt xhur precedenti l-arrest tieghu. Bartolo ighid illi huwa kien jixtri sapuna shiha, jiehu madwar 14-il gramma ghal uzu personali u l-kumplament ibieghha ghal prezz ta'

[1] Ara rapport ta'l-Ispizjar Godwin Sammut a fol 113 et seq tal-process.

madwar €1400 u meta isir il-bejgh hu ihallas lil persuna li tkun ipprovdithielu l-ammont ta' €1000. Ighid li kien jixtri blokka bejn wiehed u iehor kull xahar/xahrejn. Jikkontendi li din id-droga huwa bieghha fil-maggior parti lil barranin li kienu icemplulu biex jakkwistawha minn ghandu. Ighid hekk Bartolo fl-istqarrija guramentata tieghu:

"L-ewwel darba li xtrajt kien bhalma ghidt il-bierah madwar seba xhur ilu, ghax bl-ezatt ma nistax nghid u bhalma ghidt ammont nikkalkula li xtrajt bejn sitta u seba' sapuniet li dawn ikunu ta' madwar mitejn u hamsin gramma il-wahda. Jien izda bl-ezatt kemm xtrajt ma nafx ghax jien qatt ma zammejt record ta' kemm xtrajt."

Illi allura id-difiza ma ghandhiex ragun meta tikkontendi illi ma hemmx prova in atti illi fil-perijodu taz-zmien indikat fl-akkuza sehh traffikar fl-ammont indikat mill-prosekuzzjoni ta' madwar kilo u nofs raza tal-cannabis. Illi huwa minnu illi ma jistax jigi ikkwantifikat l-ammont preciz illi Bartolo kien qieghed jittraffika fix-xhur precedenti l-arrest tieghu, madanakollu minn ammissjoni tieghu stess jirrizulta illi ghal ta'l-inqas fis-sitt xhur precedenti il-31 ta' Mejju 2013 huwa kien qieghed jittraffika fir-raza tal-cannabis u dan f'ammont bejn wiehed u iehor ta' dak indikat minnu fl-istqarrija tieghu u bil-modalitajiet kif spjegati minnu stess.

Illi fl-istess stqarrija huwa indubitat illi l-hati indika il-persuna li ipprovdietlu d-droga tant illi fis-seduta tat-02 ta' Gunju 2016 wara li instemghet ix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur Spettur Bernard Spiteri minn din il-Qorti, l-Avukat Generali iddikjara illi fil-fehma tieghu l-Qorti ghandha tapplika l-provvediment ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi grad wiehed. Id-difiza tikkontendi illi dan ghandu jigi applikat fil-massimu u dan billi bl-ghajnuna ta'l-hati, l-pulizija niedet proceduri penali kontra din il-persuna fejn Bartolo anke offra x-xhieda guramentata tieghu f'dan ir-rigward. Illi l-artikolu 29 jipprovdi illi:

**"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex**

**taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."**

Mela z-zewg elementi mehtiega sabiex l-hati jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena fit-termini ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi huma li:

1. jindika il-persuna li tkun ipprovidietlu d-droga

2. il-pulizija jirnexxielha taqbad lil dik il-persuna.

3. l-hati jkun ghen lill-pulizija f'dan ir-rigward.

Issa mill-istqarrija rilaxxjata mill-hati, kif inghad huwa indika l-persuna li kien akkwista d-droga minn ghandha. Din l-istqarrija huwa ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Josette Demicoli. Illi ukoll mix-xhieda ta'l-Ispettur Bernard Spiteri tat-02 ta' Gunju 2016 jirrizulta illi Christopher Bartolo mhux biss indika il-persuna li kienet tipprovdieh bid-droga, izda talli bl-ghajnuna tieghu setghu jinbdew proceduri kriminali kontra tali persuna fejn Bartolo sahansitra ghandu jixhed f'dawn il-proceduri hekk kif jigi deciz il-kaz tieghu, biex b'hekk il-kundizzjonijiet kollha imfassla fl-artikolu 29 gew sodisfatti.

Finalment il-Qorti ma tistax tinjora l-pre-sentencing report li thejja fil-konfront ta'l-hati minn fejn jirrizulta illi huwa beda jesperimenta bil-cannabis minhabba l-kundizzjoni medika li kien qed ibati minnha u cioe' kif jispjega it-tabib Farrugia Agius "end stage kidney disease". Fil-fatt jidher illi l-cannabis kienet qed tipprovdielu ftit mistrieh mill-ugigh. Minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tieghu huwa spicca minghajr impjieg fiss u kien jaghmel xi xogholijiet zghar meta sahhtu kienet tippermettielu, billi fl-ahhar huwa sahansitra spicca konfinat f'*wheelchair*. Jidher li kien minhabba f'dawn ic-cirkostanzi f'hajjtu illi Bartolo beda jittraffika fil-cannabis, ghalkemm dan certament ma jiggustifikax l-agir tieghu. Fl-ahhar huwa irceva kilwa minn donatur u hajjtu inbiddlet ghalkemm ghadu taht kura medika. Illum ghandu

impjieg regolari u ghandu familja. Illi di piu' jidher illi Bartolo kienet hakkmitu ukoll il-marda tad-depressjoni u ghadu jircevi il-kura minn ghand psikologu sal-lum. Apparti dan il-fedina penali tal-hati hija wahda relattivament nadifa ghajr ghal kundanna wahda marbuta mar-reati fiskali. Fil-fatt il-Qorti jidhirlha illi fid-diskrezzjoni moghtija lilha bl-artikolu 50 tal-Kap.9, ghalkemm permezz ta' din il-kundanna l-hati ghandu jitqies illi huwa recidiv fit-termini ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, madanakollu ma tqiesx illi l-piena ghandha tizdied ulterjorment fid-dawl tac-cirkostanzi su-iccitati.

Illi maghdud dan ghalhekk il-Qorti qed taqbel mar-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation u sejra ukoll tghaddi biex timponi piena karcerarja li tqarreb iktar lejn il-minimu b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 29 b'zewg gradi. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-hati kien qieghed jittraffika fid-droga ghal perijodu ta' zmien f'ammonti xejn negligibbli.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(d), 9, 10(1), 12, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(b)(i)(2B)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti 4, 4(a), 8 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (L.N.292/1939), u l-artikoli 17(h), 18, 20, 22, 23, 49 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati Christopher Bartolo ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' hames snin (5) flimkien ma' multa ta' hmistax-il elf ewro (€15000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' sena prigunerija fit-termini ta'l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€256.65), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-hati jinghata l-kura kollha li ghandu bzonn in konnessjoni mal-kundizzjoni ta' sahha tieghu kif ukoll illi huwa jigi segwiet minn psikologu tul il-permanenza tieghu gewwa l-Facilita'.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur